Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 2156/2004

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited
C8692**

**Vs**

**Andrew Mizzi**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin (Lm128) rapprezentanti bilanc fuq prezz ta' merkanzija debitament mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittri bonarji datati s-6 ta' Mejju, 2004 u s-17 ta' Settembru, 2004 u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.
Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-2 ta' Mejju, 2005, meta gewipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------